MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-2 ta' April, 2003

Rikors Numru. 440/1997/1

Deguara John
vs
L-Onorevoli Prim Ministru bhala Ministru responsabbli ghall-Habs u d-Direttur tal-Habs

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju, 1987 u l-15 ta' Mejju,1995, u b'mod aktar preciz, tul il-perjodu 1992 sal-1995, hu sofra ingustizzja peress li, bhala gwardjan impjegat fil-Facilta` Korrettiva ta' Kordin, b'mod abbuziv u diskriminatorju, ma nghatax promozzjoni ghall-grad ta' Maggur minkejja li kellu l-kwalifiki kollha mehtiega.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor is-segwenti. Ir-rikorrent kien impjegat fil-Habs ta' Kordin fl-1987 bhala gwardjan. Hu dejjem qeda d-dmirijiet tieghu b'mod ezemplari u wera

kapacita` fix-xoghol tieghu tant li gieli ghamel xoghol li solitament isir mis-superjuri tieghu.

Illi fl-1991 hargu l-applikazzjonijiet ghall-grad ta' Maggur u r-rikorrent applika. Meta hareg ir-rizultat inghataw il-promozzjonijiet ir-rikorrent tqieghed fis-seba' post u cioe` wara persuni li kellhom inqas esperjenza fix-xoghol minnu. Wiehed minn dawn is-seba' qatt m'attenda ghax-xoghol; iehor telaq wara ftit xhur li beda jahdem.

Illi ftit wara li nghataw dawn il-promozzjonijiet, ir-rikorrent gie ordnat jaghmel xoghol ta' Agent Maggur. Ghalhekk hu staqsa lill-Agent Direttur tal-Habs ghaliex ma kienx inghata l-promozzjoni, u dan wiegbu li ma setax jaghtih risposta.

Illi fl-1995 regghu hargu l-applikazzjonijiet ghall-grad ta' Maggur u Supervisor. Ir-rikorrent applika u resaq ghall-*interview*, pero` minkejja l-kwalifiki tieghu, rega' ma ntghazilx.

Illi r-rikorrent kien bi hsiebu jgib in sostenn tal-ilmenti tieghu x-xhieda indikati fl-elenku formanti parti mir-rikors.

Ghalhekk ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal sabiex jisma' u jiddeciedi dwar l-ilmenti tieghu skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal Ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji u jinghata rimedju billi jigi ordnat illi (1) jigi promoss ghal Maggur fil-Facilta` Korrettiva ta' Kordin b'effett mid-data li fiha gew mahtura dawk li qaghdu ghall-ezami tal-1991 jew minn data ohra li jidhirlu xierqa t-Tribunal; (2) jinghata l-arretrati tas-salarju li tilef b'rizultat tal-azzjonijiet abbuzivi u diskriminatorji li sofra kif fuq intqal; (3) jinghata kumpens ghad-danni li sofra b'rizultat ta' dan l-agir, jew jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, jigi ordnat li jithallas lilu kumpens fl-ammont li ma jeccedix il-Lm5,000.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tad-Direttur tal-Habs li eccepixxa:

Illi rigward il-post ta' Principal Warder (ex-Maggur) harget sejha ghall-applikazzjonijiet fil-Gazzetta tal-Gvern tad-29 ta' Ottubru, 1991, li ghaliha applikaw 46 persuna, fosthom John Deguara.

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku approvat il-kriterji li bihom kellu jimxi l-Bord ta' l-Ghazla mahtur mill-Kummissjoni fil-11 ta' Marzu 1992. Ir-rizultat juri li John Deguara gab 56 marka minn 100, meta l-*pass mark* kien ta' 50. Fil-fatt mir-rizultat jidher il ghaddew 10 biss, u li Deguara gie s-7 wiehed, izda ma kienx appuntat billi vakanzi kienu biss ta' 4.

Jirrizulta li minn dawn l-erbgha, wiehed (Anthony Grech) irrifjuta l-hatra u floku gie appuntat Alfred Frendo fl-4 ta' Jannar 1993, li kien gie l-hames wiehed fir-rizultat, izda dan ftit zmien wara rrizenja u floku gie appuntat Edmond Moore fit-22 ta' Lulju 1993, wara rakkomandazzjoni li saret lill-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku mill-Agent Direttur tal-Habs ta' dak iz-zmien (fil-11 ta' Gunju 1993). Moore kien gie s-sitt wiehed fir-rizultat.

Billi skond il-proceduri tal-Gvern ir-rizultat tal-Bord ta' l-Ghazla jibqghu validi ghal sena mill-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern (jigifieri f'dan il-kaz partikolari fit-3 ta' Lulju 1992), il-validita` tieghu skadiet fit-3 ta' Lulju, 1993.

Rigward il-post ta' Senior Correctional officer (ex-Maggur) kienet harget sejha ghall-applikazzjonijiet fis-7 ta' Awissu, 1995. Ghaliha applikaw 25 persuna. Il-kandidati gew intervistati minn Bord ta' l-Ghazla mahtur mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fis-27 ta' Settembru, 1995. L-istess Kummissjoni tat lill-Bord il-kriterji ta' kif ghandha ssir l-ghazla. Il-Bord ta' l-ghazla intervista 16-il kandidat mill-25 applikant, billi 9 minnhom gew ikkunsidrati ineligibbli skond il-provvedimenti tas-sejha ghall-applikazzjonijiet. Deguara ma giex maghzul billi fir-rizultat finali gab total ta' 40 marka minn 100, meta skond il-kriterji moghtija mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku il-"pass mark" kellha tkun 50 fil-mija. Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Bord ta' l-Ghazla gew approvati

mill-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku nhar is-6 ta’ Dicembru, 1995.

Rigward il-post ta’ Correctional Supervisor harget sejha ghall-applikazzjonijiet fil-21 ta’ Lulju, 1995 u ghaliha applikaw 21 ruh, li erba’ minnhom gew ikkunsidrati ineligibbli skond il-provvedimenti tas-sejha. Fost dawk li applikaw u nstabu eligibbli kien hemm John Deguara. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku hatret il-Bord ta’ l-Ghazla fl-20 ta’ Settembru, 1995 u l-Bord inghata l-kriterji kif ghandha ssir il-ghazla. Ir-rizultat finali juri li John Deguara gab 28 minn 100 marka, meta l-“pass mark” kienet skond il-kriterji moghtija mill-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku 50 fil-mija.

Ra l-lista tax-xhieda ta’ l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri

Ikkunsidra

**PROVI:**
Ir-rikorrent ikkonferma il-kontenut tar-rikors bil-gurament. In kontro ezami qal li dawk li qabzuh fl-1991 kellhom inqas seniority minnu hlief ghal Frankie Borg li dahal mieghu. Xi whud li dahlu warajh u lehqu huma Edward Moore, Mario Zahra u Anna Vella. Ikkonferma li l-intervisti ghal grad ta’ Senior Correctional Officer saru fis-27 ta’ Settembru, 1995 u s-sejha ghal Supervisor saret fil-21 ta’ Lulju, 1995.

Xehed Louis Cilia li fl-1987 kien jokkupa l-kariga ta’ Assistent Direttur fil-Ministeru tal-Intern. Qal li fl-1993 kien Acting Director tal-Habs u kellu x’jaqsam mal-habs mill-1993 ‘il quddiem ghax qabel ma kellux x’jaqsam. Qal li jiftakar li l-prestazzjoni tax-xoghol tar-rikorrent kienet tajba izda jiftakar li kien hemm incident fejn ir-rikorrent kien imbarazza l-amministrazzjoni tal-habs. Dan kien sehh fil-

bidu tal-1994 u qal li jista' jkun li dan kellu effett fuq il-promozzjonijiet.

Xehed Manuel Cassar Direttur tal-Habs li qal meta mar il-Habs hu f'Gunju 1995 lir-rikorrent sabu hemmhekk. Qal li jiftakar li fl-1995 kienu saru promozzjonijiet izda l-procedura kienet issir mill-P.S.C., kif ukoll is-Selection Board kien jinhatar mill-P.S.C. u r-rizultat finali jigi approvat mill-P.S.C. Qabel l-1995 ma kellux x'jaqsam mal-amministrazzjoni tal-habs. Semma li f'Ottubru 1991 kienet harget sejha ghall-applikazzjonijiet ghal Male Principal Wardens u r-rikorrent kien applika. Saru l-intervisti u ghaddew ghaxra, ir-rikorrent kien gie s-seba' post b'56 marka izda gew appuntati biss l-ewwel 4. Spjega li l-ewwel wiehed Anthony Grech kien irrifjuta l-appointment. Gew mahtura Elia Pace, Mario Zahra, Francis Borg u Alfred Frendo. Iktar tard kien gie mahtur ukoll Edmond Moore. Spjega dwar il-kriterji hekk kif kienu mnizzla fil-government gazette u kien hemm imnizzel li min ikollu esperjenza fil-habs jigi kkunsidrat 'asset'. Zied ighid li meta beda jahdem il-Habs f'Lulju 1995 ir-rikorrent kien Acting Senior Correctional Officer izda kien qed jaghmel xoghol ta' Senior Correctional Officer.

Semma li f'tal-1991 l-ewwel gie Anthony Grech b'66 marka. It-tieni gie Elia Pace b'64 marka, Mario Zahra b'63 marka, u Francis Borg b' 61 marka. Meta Anthony Grech irrifjuta l-appointment intghazel il-hames wiehed li kien Anthony Frendo li kien gab 60 marka. Aktar kien gie maghzul Edmond Moore li kien gie s-6 b'58 marka.

Xehed Mario Zahra Assistant Manager fil-Habs li dahal il-habs fl-1989. Qal li f'Settembru 1992 nghata l-grad ta' Principal Warden. Qal li r-rekwizit ghal din il-promozzjoni li jrid ikollok 30 sena, u setghu japplikaw anke minn barra l-habs. Qal li meta deher quddiem il-bord tal-ghazla fl-intervista kien hemm 4 persuni li tlieta minnhom kienu mill-habs. Meta dahal jahdem fil-habs bhala trainee, ir-rikorrent kien gja hemm bhala suldat.

Xehdet Maryanne Vella supervisor fil-female section tal-habs ta' Kordin. Qalet li qabel kienet Acting Principal

Warden. Qalet li dahlet fil-correctional facilities ta' Kordin fl-1989. Lir-rikorrent tiftakru jahdem il-habs fis-sezzjoni ta' l-irgiel. Qalet fiz-zmien ir-ri-organizazzjoni tal-1993 il-grad taghha kien ta' correctional officer. Spjegat li meta kienet qed taghmel xoghol ta' Acting Principal Warden kienu hargu l-applikazzjonijiet kemm ghal maggur kif ukoll ghal supervisor. Hi applikat ghat-tnejn u ghaddiet u cediet dik ta' maggur.

Xehed Edward Moore Correctional Supervisor fil-habs. Hu qal li ilu f'dan il-grad mill-1996 u beda jahdem il-habs ta' Kordin f'Settembru 1989. Meta dahal hu fl-1989 ir-rikorrent kien gja hemmhekk jahdem bhala suldat. Qal li fl-1992 kien hemm sejha ghall-applikazzjoni ghal maggur u kien ha l-promozzjoni u fl-1995 ha promozzjoni ghal supervisor.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jirrizulta li l-ilment tar-rikorrent hu bazat fuq zewg aspetti u cioe` l-applikazzjonijiet ghall-grad ta' Maggur fl-1991 u l-applikazzjonijiet tal-1995 ghall-gradi ta' Maggur u Supervisor. Ir-rikorrent jilmenta fit-tnejn li huma li ghalkemm applika u resaq ghall-interview ma ha ebda kariga.

Dwar tal-1995 jirrizulta car li din tezorbita mill-kompetenza tat-Tribunal *ratione temporis*. Infatti r-rikorent stess xehed li l-intervisti ghal Senior Correctional Officer saru fis-27 ta' Settembru 1995 u li s-sejha ghal Supervisor saret fil-21 ta' Lulju 1995. L-Artikolu 5(3)(4) jghid "Dan l-att ma ghandu jkun japplika ghal ebda att jew ommissjoni li jkunu graw qabel id-9 ta' Mejju 1987 jew wara l-15 ta' Mejju 1995." Ghalhekk it-talba tar-rikorrent dwar il-promozzjonijiet tal-1995 tezorbita mill-kompetenza tat-Tribunal *ratione temporis.* Ghal dawn il-motivi dan l-aspett tal-ilment tar-rikorrent jezorbita mill-kompetenza tat-Tribunal.

Fil-kaz tal-ilment dwar il-promozzjoni ghal Maggur fl-1991 irrizulta li r-rikorrent fil-fatt ghadda u gab 56 marka u kienu ghaddew 10 biss u Deguara gie s-7 wiehed u ghalkemm inizjalment kien hemm 4 vakanzi s-6 ta' qablu kollha lehqu kif issemma fuq. Irrizulta wkoll li l-applikazzjoni kienet

tghid fl-Artikolu 7 taghha "li ghandha tinghata konsiderazzjoni xierqa lil dawk li ghandhom esperjenza f' servizz tal-Habs, tal-Armata jew tal-Pulizija." Inoltre t-Tribunal, dwar seniority, fil-kawza Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta deciza fis-27 ta' Ottubru, 1998 qal: "Issa fil-fehma ta' dan it-Tribunal, s-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix meqjusa biss meta jirrizultaw b'mod car u inekwivoku jew kwalitajiet posittivi ohra f'xi individwi ohra li jiggustifikaw li persuna / persuni ghandha taqbez lil min imissu skond is-seniority, jew kwalitajiet negattivi f'dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni. Altrimenti naslu fi stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi ghal ragunijiet diskriminatorji (u ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni)." [Ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28/10/98].

Irrizulta li diversi minn dawk li gew moghtija l-promozzjoni kellhom seniority anqas mir-rikorrent u ma giet moghtija ebda raguni valida mill-intimat ghaliex il-persuni l-ohra lahqu waqt li r-rikorrent le ghajr dak li fl-interview l-persuni l-ohra kklassifikaw ahjar. It-Tribunal ma sabx elementi negattivi fir-rikorrent u meta wiehed iqis li hu gab 56 marka waqt li ta' qablu 58 marka ossija 2% aktar u 10% biss anqas minn dak li gie klassifikat l-ewwel, ihoss li r-rikorrent kien jimmerita li jiehu l-promozzjoni wkoll specjalment wara li ra l-kummenti favorevoli u s-seniority tar-rikorrent. F' dan is-sens jichad l-eccezzjoni tal-intimat u jilqa' t-talba tar-rikorrent u jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata jinghata l-promozzjoni b' effett mit-22 ta' Lulju 1993 u jitpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar u jinghata l-arretrati mill-istess data.

Spejjez kontra l-intimat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------